MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Id-Disa' Leġislatura

Seduta Numru 09.30, il-Ħamis, 18 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsill Lokali tal-Imġarr issejjaħ fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr sabiex jiltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill numru 30 tad-Disa' Leġislatura, nhar il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2026, fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ixxandret '*live*' permezz tas-sistema tal-'*online streaming*' kif wkoll kienet miżmuma bis-sistema tal-'*Video On Demand*' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill http://mgarrlc.com/live-stream/

PREŻENTI	Paul Vella	Sindku
	Odette Muscat	Kunsilliera
	Charles Said	Kunsillier
	Owen Galea	Kunsillier
	Cyprian Dalli	Segretarju Eżekuttiv
PREŻENTI B' MOD VIRTWALI	Ħadd	
ASSENTI B' APOLOĠIJA	Ħadd	
ASSENTI	Wistin Vella	Viċi Sindku
MEMBRI TAL-PUBBLIKU	Ħadd	

----- MINUTI -----

Preamboli u Aġenda

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:44pm.

ii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live streaming.

iii. Il-laqgħa tmexxiet fuq l-aġenda segwenti:

30.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

30.02 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

30.04 Korrispondenza

30.05 Temi oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

30.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti

30.07 Proġetti tal-Kunsill : l-aħħar żvilluppi

30.08 Implimentazzjoni tal-proġett tal-Immanniġjar tat-Traffiku

30.09 Preparazzjoni għall-Festa ta' Santa Marija 2026

30.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

30.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

30.01.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa.

30.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

30.02.01 Il-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat (09/28 u 09/29) ġew mibgħuta minn qabel lill-membri kollha tal-Kunsill u għalhekk ġew meqjusa bħala moqrija.

30.02.02 Għaldaqstant, il-minuti tal-aħħar laqgħa ġew approvati unanimament mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

30.03 Kommunikazzjoni mis-Sindku

30.03.01 Is-Sindku beda l-laqgħa billi f' isem il-Kunsill, feraħ lill-Kunsillier Owen Galea li kien għadu kemm irċieva riżultati pożittivi wara li lesta l-kors tal-Mediċina fl-Universita' ta' Malta.

30.03.02 Issemma li l-Kunsill kien mgħarraf li ser jibda xogħol tas-servizzi tal-ilma u drenaġġ ġdid fi' Triq San Pawl. Il-Kunsill informa lir-residenti imma s' issa xogħol kien għadu ma bediex.

30.03.03 Is-Sindku ta' rendikont tal-proġett tal-bankini ġodda madwar il-knisja u semma li dan kien miexi b' ritmu tajjeb. Informa li b' qbil bejn il-partijiet, kien ser jinbidlu ir-rampi tal-injam u issa ser isiru tal-qawwi. Saret ukoll diskussjoni dwar xi' planters u ħwat li jistgħu isiru biex isebbħu l-ambjent tal-madwar.

30.03.04 Ingħatat informazzjoni dwar ic-charging pillars tal-karozzi elettriċi fi' Triq Fisher u li dawn kien ġew installati dak in-nhar stess tal-laqgħa u li kienu ser jibdew jaħdmu minn dak in-nhar stess.

30.04 Korrispondenza

30.04.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq numru ta' ċirkolari u korrispondenza oħra mingħand id-Dipartiment għal-Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u entitajiet oħra. L-aktar importanti minn dawn kienu mwassla lill-membri tal-Kunsill immedjatament malli jaslu permezz tas-sistema elettronika.

30.04.02 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll korrispondenzi minn Transport Malta dwar talbiet li kien ag]mel il-Kunsill.

30.04.03 Tressaq ilment dwar il-bankina fit-tarf ta' Triq David Trump kantuniera ma' Triq Sir Temi Zammit, fejn il-bankina tieqaf ħesrem u riċentement inbena ċint f' nofs il-bankina. Saret diskussjoni dwar dan u l-Kunsill ra' li kien hemm periklu għal minn ikun miexi fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li tintbgħat korrispondenza dwar dan lill-Infrastructure Malta ħalli tinstab soluzzjoni.

30.04.04 Tressqet korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Inġenji Agrikoli dwar il-Wirja Agrikola li ser issir fis-Santi. Il-Kunsill qabel li jalloka fondi bħala għajnuna u ser ikun qed jara kif jista' jgħin.

30.05 Temi Oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

30.05.01 Il-Kunsill iddiskuta il-problema li qed ikun hemm min jidħol jagħmel off-roading fl-inħawi tas-Santi kif ukoll lejn il-Kunċizzjoni. Kien hemm qbil li jsiru tabelli li juru li dan mhux permess fiz-zoni.

30.05.02 Saret mistoqsija dwar il-bins għall-faħam li jkun hemm il-Ġnejna, kif ukoll għas-slielem fil-baħar. Ser naraw dwar dan mal-MTA.

30.05.03 Saret diskussjoni dwar storbju li jkun hemm fil-pjazza min nies x' ħin joħorġu mir-restoranti. Il-Kunsill ser jara x' jista jsir u jkellem lis-sidien tal-istabbiliment tal-ikel u xorb.

30.05.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-persuna li kienet ser tibda taħdem bħala skrivana kienet infurmat li kienet sabet xogħol ieħor u ma bdietx. Il-Kunsill qabel li s-sejħa terġa tinħareġ mill-ġdid.

30.05.05 Ġie diskuss li l-ftehim mad-diviżjoni tal-Indafa Pubblika kienu għadu ma bediex jopera, wara sena minn meta ġie iffirmat, peress li l-istess diviżjoni kienet qalet li ma nstabux nies adattati. Il-Kunsill agħmel talba għal-laqgħa imma s' issa din ma saritx peress li kien hemm ċaqlieq ta' persuna wara l-Elezzjoni Ġenerali.

30.05.06 Ġiet diskussa l-proposta li issir 'raised pedestrian crossing' fi' Triq Fisher, ħdejn l-iskola. Ser jiġu evalwati possibilitajiet li jistgħu isiru.

30.06 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti

30.06.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti Numru 6/2026, li kienet tammonta għall-€42,563.13 fi' ħlasijiet relatati max-xogħlijiet u s-servizzi tal-Kunsill, kif ukoll €2,893.45 fi' flus miġbura għall-entitajiet, għal total ta' €45,456.58.

30.06.02 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament mill-membri tal-Kunsill preżenti, u ġiet iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku u żewġ membri oħra tal-Kunsill.

30.07 Proġetti tal-Kunsill : l-aħħar żvilluppi

30.07.01 Dwar dan il-punt, il-Kunsill kien diġa' iddiskuta aktar qabel matul din il-laqgħa.

30.08 Implimentazzjoni tal-proġett tal-Immanniġjar tat-Traffiku

30.08.01 Il-Kunsill iddiskuta l-implimentazzjoni tal-pjan tal-immaniġjar tat-traffiku, kemm il-partijiet li saru s' issa u kemm il-partijiet li għad iridu jidħlu fis-seħħ.

30.08.02 Is-Sindku semma li fi' Triq San Pietru u fi' Triq l-Imqades, il-bidliet kienu daħlu fis-seħħ u ġew aċċettati.

30.08.03 Wara diskussjoni, kien hemm qbil li Triq David Trump tibqa' kif inhi fil-preżenti imma ssir talba lill-Transport Malta sabiex isiru double yellow lines matul it-triq kollha, in-naħa ta' fuq.

30.08.03 Wara diskussjoni, kien hemm qbil li Triq Skorba, Triq is-Saqwi u Triq l-Imqades il-parti ta' bejniethom, ma jsirux u jiħi kollox kif kien qabel.

30.08.04 Wara diskussjoni, kien hemm qbil li il-bidliet fi' Triq il-Plejju, Triq l-Amaroz, Triq il-Felu, Triq Andrea Deguara u Triq id-Dewwiema jiġu sospiżi għal issa.

30.08.05 Wara diskussjoni, kien hemm qbil li Triq Sir Harry Luke kienet konfermata one-way 'l fuq, Triq Ramiro Cali konfermata one-way u li Triq Santa Marija tibqa' two-way kif inhi fil-preżent. Triq San Pawl issir one way kif ippjanat u Triq San Filippu one-way ukoll kif pjanat.

30.08.05 il-Kunsill iddiskuta wkoll u qabel li jagħmel ftit akkorġimenti fuq il-proposti oriġinali li kienu jinkludi: Triq Dun Edgar tibqa' two-way kif inhi fil-preżent, Triq Vitale tiġi one way bejn Triq San Pawl u Triq il-Kbira u tibqa' kif inhi 'l isfel minn Triq il-Kbira. Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa issir one way bejn Triq San Pawl u Triq ix-Xagħra tal-Knisja u tibqa two way bejn Triq Barbara u Triq San Pawl. Triq id-Dahar tibqa' kif inhi imma l-ħruġ għall-fuq Triq Ġorġ Zammit jiġi one-way.

30.08.06 Dawn il-bidliet għandhom jidħlu fis-seħħ sa' l-aħħar tax-xahar ta' Lulju.

30.09 Preparazzjoni għall-Festa ta' Santa Marija 2026

30.09.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet ser issir il-laqgħa ta' koordinament dwar il-festa nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju.

30.09.02 Issemmiet li il-laqgħa mas-sidien tal-gabbani tal-festa li kellha ssir baqgħet ma saritx. Il-Kunsill ser jara kif l-aħjar li jsir biex jintlaħaq kompromess għall-ġid tal-partijiet involuti.

30.10 Data għal-laqgħa li jmiss u tmiem tal-laqgħa

30.10.01 Qabel tmiem il-laqgħa, ġie maqbul li l-laqgħa ta' wara ssir it-Tnejn 20 ta' Lulju 2026 u ta' wara ssir it-Tnejn 10 ta' Awwissu, dejjem fil-5:30pm.

30.11.02 Is-Sindku iddikjara il-laqgħa magħluqa fis-7:32pm.

Paul Vella **Cyprian Dalli**

Sindku Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum, _____ , _____ tax-xahar ta' _____,tas-sena _____ .